# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 907/21 GG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs.**

**Dr Benjamin Valenzia LL.D. u l-PL Noel Scerri illi b'digriet ta' dina l-Qorti tat-8 ta' Gunju 2016 kienu appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Nigel Burgess (detentur tal-passaport Brittaniku numru 20431193)**

Illum 9 ta' Gunju 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat** tas-socjeta' **HSBC Bank Malta p.l.c. (**minn issa il-**"Bank Attur")**, ipprezentat quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Settembru 2021[1], bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi in forza ta' kuntratt tat-12 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, il-Bank attur ikkonċeda lill-konvenut faċilità bankarja konsistenti f'self sabiex l-istess konvenut jixtri proprjeta gewwa San Pawl il-Bahar, u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur datata s-27 ta' Frar 2006 u amendata fit-30 ta' Gunju 2006 u t-12 ta' Lulju 2006 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);

[1] Fol. 1 sa 50

2. Illi l-konvenut naqas milli jagħmel dawk il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenut Burgess huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' sitta u disghin elf mija u hmistax-il Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€96,115.74) dovuta in kwantu għal tlieta u sittin elf u seba' Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€63,007.55) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti tlieta u tletin elf mija u tmien Ewro u dsatax-il centezmu (€33,108.19) bħala imgħax ikkalkulat sas-17 ta' Awwissu 2021, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 16085144 immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-18 ta' Awwissu sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-arretrati dovuti minnu, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata s-26 ta' Frar 2016 (annessa bħala Dok. D) baqghu inadempjenti;

5. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut, u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba rikorrenti;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tilqa' t-talba tar-rikorrenti bid-dispensa mis-smiegħ b'applikazzjoni ta' artikolu 167 *eq seq* ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

(ii) Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri, solidali flimkien, fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' sitta u disghin elf mija u hmistax-il Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€96,115.74) dovuta kif fuq spjegat;

(iii) Tikkundanna lill-istess konvenuti iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' sitta u disghin elf mija u hmistax-il Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€96,115.74) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-18 ta' Awwissu 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-26 ta' Frar 2016 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat.

Rat li, din il-Qorti diversament presjeduta, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2022, dehrilha li l-konvenuti nomine kellhom eccezzjonijiet *prima facie* fil-ligi jew fil-fatt xi jgibu kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, u akkordatilhom zmien ghar-Risposta Guramentata.

Rat ir-Risposta Guramentata pprezentata fl-14 ta' Marzu 2022[2] mill-kuraturi deputati fl-interess tal-konvenut Nigel Burgess ("Konvenut"), li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-esponent noe mhuwiex edott mill-fatti izda wara l-ahhar seduta tat-22 ta' Frar 2022 inghata (minghand rapprezentant tas-socjeta` attrici) indirizz tal-email li kien juza l-assenti u l-esponent prova jikkomunika mieghu sabiex jekk jircievi tali email jibgaht kif jixtieq jipprocedi f'din il-kawza;

2. L-esponent noe ghalhekk jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk jirnexxielu jikkomunika mal-assenti u jkolli struzzjonijiet f'dak is-sens;

3. L-istess socjeta` attrici ghanda tipprova jekk saritx in-notifika tal-ittra ufficjali numru 685/2016 (Dok. D) anness mar-rikors mahluf, qabel ma nhatru l-kuraturi deputati, skont dak provdut that l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru. 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-

[2] Fol. 60

Istati Membri ta' dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji fi kwistjonijiet civili jew kummercjali u L-Artikolu 15 tal-Ligi Sussidjarja 12.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Jekk ma saritx interpellazzjoni skont il-Ligi l-imghax li qed titlob is-socjeta` attrici m'ghandhux ikun dovut.

Rat l-affidavit bid-dokumenti ta' Doreen Cunningham[3] ipprezentat mill-Bank Attur.

Rat li, fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022[4], il-kuraturi deputati rregistraw li xtaqu jibdew il-provi taghhom bil-kontroezami tax-xhud Doreen Cunningham, u l-kawza thalliet ghal dak il-ghan ghat-23 ta' Frar 2023.

Rat li, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2023[5], il-kuraturi deputati ma dehrux u l-Qorti iddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-konvenut b'dan illi aktar tard, il-kuratur Dr. Benjamin Valenzia deher, u ddikjara li ma kellux provi xi jressaq, u talab zmien biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-Bank Attur ghazel li ma jipprezentax sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet[6] tal-kuraturi ghall-Konvenut.

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija kawza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu li l-Bank Attur qed jipprosegwi kontra l-Konvenut, klijent debitur tieghu, wara li allegatament dan ilu ghal diversi snin moruz fil-hlas tal-pagamenti tas-self, bi ksur tal-obbligi kuntrattwali li ntrabat bihom mal-istess Bank Attur bil-kuntratt ta' self u bejgh pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tat-12 ta' Lulju 2006.[7] Is-self mehud skond l-istess kuntratt kien fis-somma ta' LM34,650 (erbgha u tletin elf sitt mija u hamsin lira Maltin), ekwivalenti ghal €80,712.79 (tmenin elf seba' mija u tnax-il Ewro u disgha u sebghin centezmu). Skond ma

[3] Fol. 65 sa 75
[4] Fol. 77
[5] Fol. 78
[6] Fol. 80 sa 82
[7] Fol. 6 et seq.

ddikjara l-Bank Attur, il-pagamenti tas-self min-naha tal-Konvenut saru regolarment sax-xahar ta' April 2013[8], u mbaghad waqfu ghal kollox, u l-Konvenut qatt ma ghamel ebda hlas iehor. Fix-xiehda taghhom, kemm l-avukat Ralph Agius Fernandez, u anke Doreen Cunningham, ghall-Bank Attur, elenkaw il-fatti li jirrizultaw mid-dokumenti pprezentati mill-istess Bank Attur, inkluz li kienet saret interpellanza permezz ta' ittra ufficjali lill-Konvenut biex ihallas, fi Frar 2016, pero' dan baqa' inadempjenti. Hadd minn dawn ix-xhieda pero' ma ta dettalji dwar jekk il-Bank Attur ippruvax jaghmel kuntatt, jew kellux komunikazzjonijiet ohra, elettronici jew xort'ohra, mal-Konvenut, fil-frattemp.

2. Id-difiza principali sollevata mill-kuraturi deputati, u msemmija wkoll, ghalkemm fil-qosor u minghajr spjegazzjoni legali jew fattwali, fis-sottomissjonijiet taghhom, hija li l-Bank Attur naqas li jsegwi l-procedura ghan-notifika valida tal-Konvenut, fl-ahhar indirizz maghruf tieghu f'Cornwall, l-Ingilterra. Skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh u self prezentat mill-Bank Attur, meta sar il-kuntratt ta' self bejniethom, il-Konvenut kellu passaport Brittaniku, u kien jghix l-Ingilterra. L-indirizz preciz tieghu jinsab indikat mal-bqija tad-dettalji personali tieghu fl-ewwel pagna ta' dan il-kuntratt[9].

**Ikkunsidrat ukoll li:**

3. L-ewwel sejha ghall-hlas li l-Bank Attur ghamel lill-Konvenut, u li tirrizulta mill-atti, saret permezz ta' ittra ufficjali prezentata fis-26 ta' Frar 2016. Ghar-ragunijiet tieghu, minkejja li kellu l-indirizz shih tal-Konvenut, f'dik l-istanza, il-Bank Attur talab il-hatra ta' kuraturi deputati ghall-Konvenut. Il-kuraturi mahtura kienu l-istess bhal dawk citati f'dan il-gudizzju in rapprezentanza tieghu mill-Bank Attur innifsu meta pprezenta l-att promotur. Pero', mill-atti pprezentati ma jirrizultax x'kienet it-talba, u lanqas il-motivazzjoni li ta, il-Bank Attur, meta talab il-hatra tal-kuraturi fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali numru 685/16.

4. Aktar tard, qabel ma kienet prezentata din il-kawza, il-Bank Attur ipprezenta ittra ufficjali ohra kontra l-Konvenut, fit-termini tal-**art. 253(b)** u **256(2)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex irrenda l-kuntratt ta' self pubblikat min-Nutar Dottor Nicholas Vella fis-26 ta' Lulju 2006 [recte: 12 ta' Lulju 2006) titolu ezekuttiv kontra l-

[8] Dok. C, fol. 26 sa 31
[9] Fol. 6

Konvenut. Din id-darba l-ittra ufficjali giet prezentata kontra l-Konvenut personalment, u notifikata lilu fit-termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 1393/2007 fl-indirizz tieghu f'Cornwall, l-Ingilterra, li huwa l-istess indirizz indikat bhala r-residenza tieghu fil-kuntratt ta' self u bejgh imsemmi. Skond ic-Certifikat ipprezentat mill-Avukat tal-Istat, u li ddikjara li kien wasallu minghand l-Agenzija kompetenti fir-Renju Unit, din l-ittra ufficjali kienet notifikata lill-Konvenut billi thalliet mis-servizz postali fil-kaxxa tal-ittri fl-indirizz moghti, skond kif tipprovdi l-ligi Ingliza, u l-Konvenut kien mgharraf ukoll bil-miktub bid-dritt tieghu li jirrifjuta l-att jekk ma jinghatax ukoll traduzzjoni tieghu skond l-istess Regolament.[10] Ma jirrizultax mill-atti li huwa rrifjuta dak l-att.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

5. Kemm fin-nota ta' opposizzjoni intavolata mill-kuraturi deputati[11], u anke fir-Risposta Guramentata taghhom, huma jaccennaw ghall-htiega li n-notifika tal-atti gudizzjarji lill-Konvenut issir skond kif provdut fir-Regolament (KE) numru 1393/2007, li jifforma parti mil-ligi taghna, u jinsab stipulat fir-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti u l-Bon Ordni (L.S. 12.09). Ir-**Regolament 15(1)** jipprovdi kif gej:

15.(1) Id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru1393/2007 tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji fi kwistjonijiet civili jew kummercjali ghandhom ikomplu jghoddu fil-kwistjonijiet li jaqghu fl-ambitu ta' dak ir-Regolament kif pubblikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Kommunitajiet Ewropej tal-10 ta' Dicembru, 2007 (L324/79 sa 120).

Ir-**Regolament 15(2)**, imbaghad, jipprovdi kif gej:

(2) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima II ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proceduri Legali li jinkorporaw fil-Ligi Maltija l-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiz ta' Dokumenti Gudizzjarji u Estragudizzjarji f'Affarijiet Civili jew Kummercjali, li kienet iffirmata fl-Ajja fil-15 ta' Novembru, 1965, ghandhom ikomplu jghoddu ghal dawk l-istati li huma partijiet fil-Konvenzjoni imsemmija u ghal dawk l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li

[10] Fol. 73 sa 75
[11] Fol. 56 sa 57

mhumiex qeghdin jippartecipaw u li mhumiex marbutin bid-disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007 hawn fuq imsemmi u kull emenda ghal dak ir-regolament li tista' tkun applikabbli ghal Malta minn zmien ghal zmien.

L-**art. 5** tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proceduri Legali (Kap. 443 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi car li:

5.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 għandu, bla ħsara għar-riservi li hemm fit-Taqsima A tat-Tieni Skeda, jkollhom il-forza ta' liġi f'Malta, u għandhom ikunu japplikaw fil-każijiet kollha, f'affarijiet ċivili u kummerċjali, meta jkun hemm okkażjoni ta' trasmissjoni ta' dokument ġudizzjarju jew estraġudizzjarju li joriġina fi Stat Kontraenti li ma jkunx Malta sabiex jiġi notifkat f'Malta, kif ukoll meta jkun hemm okkażjoni li jiġi trasmess dokument ġudizzjarju jew estraġudizzjarju li joriġina f'Malta għalservizz fi Stat Kontraenti li ma jkunx Malta.

(2) Dokumenti li jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u li joriġinaw f'Malta, jkunu trasmessi -

(a) direttament mill-awtorità ċentrali, fil-każ ta' dokumenti estraġudizzjarji; u

(b) mir-Reġistratur tal-Qrati, lill-awtorità ċentrali, fil-każ ta' dokumenti ġudizzjarji,u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att,l-awtorità ċentrali għandha tittrasmetti lura d-deċiżjoni lill-awtorità involuta.

6. Din il-Konvenzjoni filfatt tissemma fir-Rules of Procedure[12] tar-Renju Unit, fejn hemm stipulat kif ghandha ssir in-notifika fir-Renju Unit ta' atti gudizzjarji li joriginaw minn Stati ohra firmatarji ta' din il-Konvenzjoni. Il-metodologija fil-Konvenzjoni u r-Regolament 1393/2007 huma simili hafna, u wara li r-Renju Unit m'ghadux Membru tal-Unjoni Ewropea, tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 fil-materja.

7. Milli provi, ma jirrizultax ghalxhiex il-Bank Attur naqas li jinnotifika lill-Konvenut bl-ewwel ittra ufficjali interpellatorja tas-26 ta' Frar 2016 b'din il-procedura korretta. Huwa car mil-ligi li l-hatra tal-kuraturi ghall-finijiet ta' notifika mhix alternattiva korretta, u mhix applikabbli, fejn in-notifika tista' ssir lill-konvenut skond il-

[12] Part 6 – Service of Documents; Title V – Service of Documents from Foreign Courts or Tribunals

procedimenti tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament fuq imsemmija. Dan jghodd aktar u aktar meta, ghar-ragunijiet tieghu, u li naqas li jispjega fil-kors tal-provi, il-Bank Attur innifsu ghazel li jipprosegwi n-notifika tal-Konvenut bit-tieni ittra ufficjali tal-14 ta' Awissu 2019, li biha rrenda l-kuntratt ta' self titolu ezekuttiv kontra l-istess Konvenut, skond ir-Regolament 1393/2007. Jirrizulta filfatt li n-notifika ta' dak l-att gudizzjarju kienet pozittiva, skond il-ligi fir-Renju Unit.

8. Oltre dan, u ghalkemm il-Bank Attur ghazel li jintavola r-Rikors Guramentat in ezami mill-ewwel kontra l-istess kuraturi li kienu gew mahtura fuq talba tieghu meta pprezenta l-ewwel ittra ufficjali kontra l-Konvenut, minn imkien fl-atti ma jirrizulta il-motivazzjonijiet, u l-parametri, ta' dawk it-talba u l-hatra. Huwa minnu li dawk il-kuraturi accettaw l-inkarigu, u assumew l-atti ta' din il-kawza ghan-nom tal-Konvenut, pero' dan ma jbiddel xejn mill-htiega, ta' natura ta' ordni pubbliku, li l-Konvenut jigi notifikat bl-azzjoni gudizzjarja intavolata mill-Bank Attur skond il-ligijiet vigenti f'Malta, inkluz allura l-Kap. 443 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 fuq citati, biex jigu salvagwardjati b'mod shih id-drittijiet procedurali tieghu.

9. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl tar-rizultanzi li:

(i) in-notifika skond ir-Regolament saret, u kienet pozittiva, fis-sena 2019, fl-indirizz indikat mill-Konvenut innifsu fil-kuntratt ta' self, u li l-Bank certament kien jaf bih ukoll sentejn wara, meta giet intavolata din il-kawza;
(ii) il-Bank Attur ma ghamel ebda dikjarazzjoni ulterjuri dwar l-indirizz tal-Konvenut, minkejja t-tielet eccezzjoni tal-kuraturi deputati;
(iii) il-Bank Attur ma weriex li ghamel xi tentattiv ta' notifika lill-Konvenut bl-atti ta' dik il-kawza f'dak l-indirizz;
(iv) il-Bank Attur kien sahansitra fil-pussess ta' taghrif iehor ghal kuntatt mal-Konvenut, tant li ghadda lill-kuraturi deputati anke indirizz elettroniku tieghu;
(v) ma jirrizultax jekk il-Konvenut wegibx ghall-komunikazzjoni li saritlu b'mod elettroniku mill-kuraturi deputati – li kopja taghha ma gietx ezibita – u lanqas ma jirrizulta li ta ruhu b'notifikat personalment bl-atti ta' din il-kawza.

10. Kif spjegat ricentement fis-sentenza **Aegis Corporate Services Limited vs Avukat Dr Christopher Chircop et**[13] mill-Qorti tal-Appell, *'għall-finijiet ta' kompletezza jista' jiżdied li f'kull każ, l-appellanti mhumiex qed jgħidu sewwa li l-konvenuta ma ġietx notifikata skont il-liġi. Mill-atti jirriżulta li f'dan il-każ l-attriċi mxiet eżatt ma' dak li jitlob l-Artikolu 187(4)(a) tal-Kap. 12, kif ukoll mal-Artikolu 14 tar-Regolament 1393/2007(KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u dan billi l-atti tal-kawża ntbagħtu bil-posta rreġistrata fl-indirizz tal-uffiċju tal-kumpanija mħarrka. Kemm hu hekk, wara li l-ewwel tentattiv ta' notifika rriżulta fin-negattiv għaliex l-attriċi kienet niżżlet indirizz antik, fit-tieni tentattiv l-attriċi niżżlet l-indirizz ta' "***ul. Moniuszki 1A, 00-014, Warszawa, Poland"***; li skont l-appellanti stess huwa l-indirizz attwali tal-kumpanija mħarrka. Minkejja dan, mir-riferta tal-purtier li ħa ħsieb in-notifika ta' dawk l-atti, irriżulta li l-atti xorta waħda ma ġewx notifikati lill-kumpanija mħarrka u bħala raġuni tniżżlet "[g]one [a]way". F'ċirkostanzi bħal dawn, l-attriċi ma setgħetx raġonevolment tkun mistennija li terġa' toħroġ notifika oħra f'dan l-indirizz tal-aħħar, u ġenwinament stqarret li ma kinitx taf b'xi indirizz ieħor fejn setgħet tinnotifika lill-konvenuta. Filwaqt li f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dispożizzjonijiet ta' Regolament 1393/2007(KE) ma baqgħux jgħoddu għaliex l-attriċi ġenwinament ma kinitx taf aktar fejn setgħet tinnotifika lill-konvenuta, peress li l-persuni li jissemmew fl-Artikolu 181A tal-Kap. 12, ma kinux jinsabu Malta, allura l-attriċi ma setgħetx tirrikorri għall-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u minflok riedet ta' bilfors tirrikorri għall-proċedura mniżżla fl-Artikolu 187(6) tal-Kapitolu 12, u ċjoè dik billi taħtar kuratur li jidher għall-kumpanija konvenuta skont kif provdut fl-Artikolu 929(d) tal-istess Kodiċi.'*

11. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-kuraturi deputati ghandhom ragun fit-tielet eccezzjoni taghhom meta allegaw li l-hatra taghhom ma saritx kif trid il-ligi u dan ghar-ragunijiet fuq moghtija stante li l-Bank Attur naqas li jsegwi l-procedura korretta qabel talab li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-assenti klijent taghha.

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-kuraturi deputati, u filwaqt tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra, tilliberahom mill-osservanza ta' dan il-gudizzju u konsegwentement tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici.

[13] 563/17/1, 29.3.2023

Bl-ispejjez kontra l-Bank Attur.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Ghad-Deputat Reġistratur**